KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 18

**It-Tlieta 26 ta' Awwissu 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier (waslet fis-6:15pm)
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier (imsiefer)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 18.1 Qari tal-Apoloġiji

18.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Chircop minħabba li kien imsiefer. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

18.1.2 **Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.**

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 17

18.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 17, li kienu meqjusa moqrija.

18.2.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier JC Borg, kien hemm qbil li f'para. 17.3.8, jiżdiedu l-kliem 'il-Kunsillier Baldacchino Cefai kkummentat li dawn it-tip ta' kummenti ilhom jeżistu'.

18.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 17 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 18.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sindku informa li dwar l-Għajn tal-Ħasselin kienu ġew ħaddiema tal-WSC, u wara li saru t-testijiet irriżulta li m'hemmx drenaġġ. Aktar kmieni dakinhar kienet ġiet ukoll tas-Sanita' u għandha tgħaddi r-riżultat tagħha wkoll. Is-SE infurmat li hi kienet kitbet lil IM dwar din il-problema u minħabba li ma kien hemm ebda risposta kienet reġgħet bagħtet tfakkira.

18.3.2 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni lura mingħand id-DĠ fejn dan kien informa li l-fondi jingħataw skont il-formula u għaldaqstant ma jistax itina aktar fondi għat-tindif. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien talab €15,000 sabiex inkopru l-ammont sħiħ mitlub minn Clean Malta. Min-naħa ta' Malta Clean dawn kienu infurmat li kienu lesti jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill ladarba d-DĠ kien irrifjuta. Sadanittant hawnhekk tqajjmet diskussjoni dwar il-fatt li xi snin ilu, il-Kunsill kien ingħata €10,000 biex titnaddaf iż-żona tal-Junior College minħabba l-ħmieġ li tiġġenera.

18.3.3 Fuq proposta tal-Kunsillier JC Borg hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi lir-Reġjun biex issir diskussjoni fuq it-toroq arterjali minħabba li dawn għandhom bżonn update tajba.

18.3.4 Is-Sindku informa li kien għadu qed jistenna risposta mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja biex issir il-laqgħa minħabba li ma setgħetx fil-ġurnata proposta.

18.3.5 Is-SE infurmat li x-xoffa tal-bankina ta' Triq Xatt tax-Xbiex kienet se tinżebagħ safra grazzi għall-GHRC.

18.3.6 Is-Sindku informa li kien iddiskuta mal-Onorevoli Clifton Grima dwar il-parkeġġ tal-Iskola Primarja fejn is-Sindku kien issuġġerixxa li jibdew isiru l-laqgħat u d-diskussjonijiet.

18.3.7 Is-Sindku informa li kif tasal il-Kunsillier Baldacchino Cefai kien se jagħmlilha mistoqsija dwar l-innumerar ta' Triq il-Wied minħabba li kellu xi talbiet minn ħdejn il-ġibjun.

18.3.8 Is-Sindku informa li kien kiteb lis-Sanità fir-rigward tal-problema tal-ħamiem u dawn irrispondew li din m'hijiex responsabbiltà tagħhom.

18.3.9 Is-Sindku informa li l-PBS kienet se tagħmel programm mill-villaġġi imma xtaqu li jkun hemm sala viċin tal-Knisja Parrokkjali. Min-naħa tagħna m'hemmx u għaldaqstant dawn kienu infurmaw li kienu lesti li jagħmlu l-attività nhar il-31 ta' Mejju biex innaqqsu l-okkorrenza li tkun ix-xita.

18.3.10 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar il-proġett ta' Triq Oscar Zammit is-SE infurmat li IM kienu bagħtu kopja tal-pjanta l-ġdida imma ma nstema' xejn aktar.

18.3.11 Is-Sindku informa li kien bagħat tfakkira lill-Ministru Bonett sabiex jagħti feedback dwar il-punti li ġew diskussi fil-laqgħa li kienet saret miegħu. Kien fakkru wkoll li bħala Kunsill xtaq li ssir laqgħa miegħu bla midja. Huwa informa li s'issa ma kellu ebda risposta lura.

18.3.12 Is-Sindku informa li kien bagħat ukoll tfakkira lill-MTA dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied għal madwar l-iskate park.

18.3.13 Is-Sindku informa li min-naħa tar-Reġjun Lvant xtaqu jkunu jafu jekk il-Kunsill hux ferħan bil-ħinijiet tal-ġabra tal-iskart. Huwa ġibed l-attenzjoni li fis-Swatar u fix-Xmiexi l-ġabra kienet qed issir fl-4:00pm li żgur mhux aċċettabbli. Kien hemm qbil li l-ġabra, irrispettivament ta' liema għamla, għandha titlesta sa nofsinhar.

18.3.14 Hawnhekk waslet il-Kunsillier Baldacchino Cefai. Il-ħin kien is-6:15pm.

18.3.15 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis se ssir żjara minn Ivana Legname flimkien ma' Sindku Taljan. Min xtaq jattendi seta' jiġi.

18.3.16 Is-Sindku informa li kien għadda xi informazzjoni lill-PWD dwar problemi li kien hemm fi Triq il-Kunċizzjoni. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tad-diżlivell li hemm aktar qabel fejn hemm in-niċċa.

18.3.17 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar l-innumerar ta' Triq il-Kunċizzjoni. Kien hemm qbil li għandha tivverifika dwaru.

18.3.18 Il-Kunsillier Farrugia informa li rċevejna kommunikazzjoni lura mingħand TM fejn dawn ma approvawx il-bus stop ta' Box Box u minflok kienu għamlu talba lill-Kunsill biex jissuġġerixxi xi alternattiva oħra. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinsisti fuq din il-lokazzjoni.

18.3.19 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Għaqda Dilettanti tad-Dgħajjes u Sajd kienu għaddewlha kopja ta' kommunikazzjoni li ntbagħtet lil żewġ aħwa fejn qed tgħid li minn issa 'l quddiem ma jistgħux jibqgħu jagħmlu użu mill-iskall minħabba li kien hemm problemi ripetuti.

18.3.20 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Għaqda Dilettanti tad-Dgħajjes u Sajd kienu qed jissuġġerixxu li jinqatgħu €45 mill-garanzija ta' sid ta' dgħajsa minħabba li kien ħalla warajh ammont ta' żejt u dawn kellhom inaddfu warajh. L-ammont jirrappreżenta d-*degreaser* li nxtara apposta biex jitnaddaf l-iskall. Il-Kunsill qabel li dan l-ammont għandu jitnaqqas u li tinżamm fee amministrattiva ta' €25. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai ma qablitx li tinżamm il-fee

amministrattiva għal dan il-każ imma qalet li għandha tibda tinżamm mill-każ li jmiss ‘il quddiem.

18.3.21 Is-SE infurmat ukoll li din l-Għaqda kienet bagħtet korrispondenza fejn qed tissuġġerixxi li jinżamm karru fuq l-iskall biex jintuża minn dawk li m’għandhomx karru personali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

18.3.22 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Arċipriet dwar xi purċissjonijiet li se jsiru f’Settembru, Ottubru u Diċembru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda kien hemm qbil li għandha tintbagħat lill-IM u lill-Pulizija.

18.3.23 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu attendew għal laqgħa dwar moss-based street furniture, li huwa proġett li qed isir bil-fondi tal-UE. Fost is-suġġerimenti kien hemm qbil li jinksew xi ħitan bħall-ħajt tan-naħa ta’ fuq ta’ Rue D’Argens; il-parti ta’ fuq ta’ M.A. Vassalli; mad-dawra tal-ħajt tal-Junior College; taħt il-mosaic ta’ Triq il-Kunċizzjoni; fi Triq Dun Anton Abela; iċ-ċinta ta’ Triq il-Wied bejn il-Kunsill u l-Għajn tal-Ħasselin.

18.3.24 Is-Sindku informa li fi Triq Achille Ferris reġa’ kien hemm intopp u x-xogħol kien waqaf temporanjament, iżda jidher li jista’ jerġa’ jkompli.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

18.4.1 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi aħbar dwar l-għassa. Is-SE infurmat li għalkemm kienet ġiet iffissata laqgħa, din ġiet ikkanċellata min-naħa tagħhom.

18.4.2 Il-Viċi Sindku staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm aħbar dwar iċ-ċavetta tal-kamra ta’ Triq l-Għeriebel. Is-Sindku informa li kien reġa’ kellem lill-kuntrattur dik il-ġimgħa stess.

18.4.3 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hemmx aħbar dwar il-berġa. Is-SE infurmat li ma kinitx semgħet lura mingħandhom.

18.4.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar it-turġien tal-vann, is-SE infurmat li ma kinitx għadha kitbet dwarhom għalkemm kienu nġabu l-kwotazzjonijiet.

18.4.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar il-vann tal-kunsill tal-ħaddiema, is-SE infurmat li dan kien bil-ħsara u għaldaqstant ma kienx qed ikun ipparkjat viċin tal-binja.

18.4.6 Għall-mistoqsija tal-kunsillier Agius jekk tneħħiex iż-żejt minn Triq Balliju Guttenberg, is-SE infurmat li hi tgħaddi minn hemm kuljum u qatt ma ratu dan iż-żejt. Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li lmenti bħal dawn m’għandhomx jitwasslu waqt il-laqgħa tal-Kunsill imma għandhom jgħaddu direttament fl-uffiċċju biex tittieħed azzjoni mill-uffiċjali.

18.4.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar jekk hemmx xi ħjiel meta se jsir ix-xogħol fi Triq Johnnie Catania u Triq it-Tabib Naudi, is-SE infurmat li kien se jsir xogħol ulterjuri f’dawn it-toroq u għaldaqstant flok jinksew iż-żewġ trinek, kienet saret talba biex issir kisja min-naħa għall-oħra tat-triq.

18.4.8 Għat-tfakkira min-naħa tal-Kunsillier Agius rigward doggie bin fi Triq Xatt tax-Xbiex, is-SE infurmat li dik il-ġimgħa l-GHRC kienet waħħlet żewġ doggie bins matul il-promenade.

18.4.9 Il-Kunsillier Farrugia informa li ż-zebra crossing fi Triq Xatt Tax-Xbiex għadha bla dawl, u hemm bżonn ukoll ta' refreshing. Is-SE infurmat li dwar id-dawl kienu għadhom jintbagħtu reminders regolarment lill-Enemalta.

18.4.10 Il-Kunsillier Farrugia ġibed l-attenzjoni wkoll li hemm bżonn li jerġa' jsir il-hatching ta' Triq il-Wied ma' Triq il-Kunċizzjoni. Is-SE infurmat li kienet se terġa' tintbagħat reminder lil Infrastructure Malta.

18.4.11 Il-Kunsillier C. Borg fakkar lis-SE li kellu jiġi installat bin ħdejn il-MUSEUM tal-bniet fi Triq il-Wied. Is-SE infurmat li kienet se tiċċekkja dwaru iżda jidhrilha li kienet intbagħtet talba lis-CMD.

18.4.12 Il-Kunsillier C. Borg informa li għall-Kamalè Project kienu tefgħu l-applikazzjonijiet tagħhom l-Imsida Scouts, Generation Change, Malta Street Sport Alliance, Friends of the Earth, National Youth of Malta (KNZ) u Flimkien għal Ambjent Aħjar. Wara evalwazzjoni ġew magħżula l-KNŻ u l-FoEM. L-ewwel proġett li ttella' kien dak tal-KNŻ Progetti nhar id-19 ta' Awwissu fejn saret taħdita dwar l-ilma fejn kien hemm preżenti wkoll l-MEP Thomas Bajada. Huwa informa li fost oħrajn se jkun hemm ukoll ECO Fair fl-Università ta' Malta, International Food Gathering quddiem il-Knisja, Clean Up ġo Wied Għollieqa u workshop / Repair Cafe.

18.4.13 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat ukoll li lejn l-aħħar ta' Settembru kienet se tittella' attività dwar il-volontarjat fl-Imsida.

18.4.14 Il-Kunsillier JC Borg staqsa x'hemm bżonn isir bħala preparamenti għad-dwal tal-Milied. Is-SE infurmat li kienet se tieħu ħsieb tibda tiġbor il-kwotazzjonijiet.

18.4.15 Għall-mistoqsija dwar l-attivitajiet tal-Milied madwar l-Imsida tal-Kunsillier JC Borg, is-Sindku informa li kienet iddaħħlet applikazzjoni għal skema iżda sal-ġurnata ma kien għad hemm ebda risposta. Għaldaqstant kulħadd għandu jibda jaħdem biss fuq dawk li normalment jiġu organizzati u kemm-il darba nkunu mar-rebbieħa nkunu nistgħu nibdew niddiskutu l-attivitajiet l-oħrajn.

18.4.16 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg fir-rigward tat-talba li kienet saret lill-Kunsill dwar xi restawr ta' opri fil-lokalità, is-SE infurmat li ma kienx hemm ebda informazzjoni lura.

18.4.17 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg fir-rigward tar-rapport li konna mitluba nħejju dwar it-tħaddir tal-lokalità, is-SE infurmat li kienet se terġa' tgħaddilhom ir-rapport bl-aħħar suġġerimenti qabel tibgħatu lill-Ministeru.

18.4.18 Il-Kunsillier JC Borg informa li fi Triq Indri Grima għadhom jipparkjaw il-vetturi kbar. Huwa staqsa wkoll għaliex ma kinitx tressqet il-magna tal-BRCS. Is-Sindku informa li min-naħa tal-BCRS kienu infurmaw li m'hemmx spazju fejn issir.

18.4.19 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar rampa għal persuni b'diżabbilità fi Triq Mons Falzon, is-SE infurmat li din ir-rampa kienet ġiet inkluża max-xogħlijiet tal-Framework Agreement li se jsiru bil-kuntratturi tal-Public Works.

18.4.20 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia dwar il-Belvedere tas-Swatar, is-SE ikkonfermat li dan qiegħed fuq ir-rapport li għaddiet lill-Kunsilliera, biex eventwalment jintbagħat lill-Ministru Dalli.

18.4.21 Il-Kunsillier Agius fakkar lil kulħadd li l-Ħamis kienet se ssir quddiesa fid-9:30am u l-anzjani se jiġu mistiedna għal te/kafè u pastizz.

18.4.22 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier C. Borg dwar l-istatwa ta' San Ġużepp, il-Kunsillier JC Borg informa li l-istatwa nnifisha hija lesta u x-xogħol tal-ġebel tal-monument kważi lest ukoll; l-ispiża globali tal-Kunsill hija bejn wieħed u ieħor ta' €10,000.

## 18.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

18.5.1 Is-SE infurmat li waħda mill-iskrivani kienet applikat għal kors tal-ICDL u għaldaqstant issuġġeriet li l-Kunsill iħallas għal dan il-kors li kien utli għal xogħlha. L-ammont kien ta' €46.59. Il-Kunsill approva.

18.5.2 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Community Workers kienu għaddewlna s-servizz ta' skrivana ġdida.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

18.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-18), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Baldacchino Cefai issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 18.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:40pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2025 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li t-telgħa ta' AM Vassalli ma kinitx se tinkesa għalissa. Il-Kunsill xtaq ikun jaf għaliex taw naħa minnhom u n-naħa l-oħra ma saritx.

Il-Kunsillier Farrugia informa li l-barriers faċċata tal-Kunsill kienu dojoq wisq u l-passaġġ mhux wiesa' biżżejjed biex jgħaddi wheel-chair.

Il-Kunsillier Farrugia qal li hemm post faċċata tal-Kunsill fejn jistgħu jduru l-karozzi u dan għandu jingħalaq għax jaf joħloq periklu.

Rigward il-fence li jingħalaq l-aċċess mill-bridge, Ryan informa li IM taw l-istruzzjonijiet lill-kuntrattur.

Dwar it-talba tal-Kunsill biex issir turning minn quddiem il-BOV lejn Birkirkara, Ryan informa li l-Perit Anton Zammit kien infurmah li din diġà kienet ġiet diskussa. Il-Kunsill qallu li din it-talba ġiet mitkellma anke mal-Ministru Bonett u quddiem il-Kunsill sħiħ dan kien qal lill-Periti biex jaraw kif jistgħu jsolvu l-problema. Is-Sindku talab lil Ryan biex jitlob risposta uffiċjali jekk hux se ssir turning point jew le, sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħti risposta lill-Misidjani. Is-Sindku semma' li din hija deċiżjoni tal-Kunsill sħiħ u għaldaqstant għandha tiġi evalwata u mogħtija l-importanza mistħoqqa.

Dwar it-talba tal-Kunsill biex il-parkeġġ minflok id-dar tal-anzjani fi Triq Clarence isir għar-residenti biss, il-periti kienu infurmawh li dan mhux fir-remit tagħhom. Is-Sindku infurmah li għalkemm mhux fir-remit ta' IM, il-Ministru Bonett huwa responsabbli minn TM u għaldaqstant il-Kunsill jippretendi li jagħti każ u jevalwa din it-talba.

Dwar it-talba tal-Kunsill għal uffiċjali ta' TM fi Triq il-Punent, il-Periti ta' IM kienu infurmaw li jekk iħossu l-bżonn kienu se jitolbu l-assistenza tagħhom. Il-Kunsill talbu jinfurmahom lura li iva hemm bżonnhom.

Hawnhekk kien hawn battibekk bejn il-Kunsillier Agius u l-Kunsillier JC Borg. Is-Sindku waqqaf liż-żewġ Kunsilliera u fakkar lil kulħadd li huma qegħdin hemm għal għan wieħed u għall-ġid tal-Imsida biss. Għaldaqstant kien qed jistenna li minn issa 'l quddiem m'għandiex tidħol il-politika partiġġjana f'ebda diskussjoni li ssir.

Ryan informa li r-risposta ta' IM dwar il-bus stop ta' Rue D'Argens kienet li dan mhux fil-kompetenza tagħhom u li t-talba għandha ssir mill-Kunsill. Is-SE se tikteb lil TM u lill-MPT.

Ryan ikkonferma li għall-attività li se tinżamm fis-6 u 7 ta' Settembru tista' tintuża l-pjazza.

Għall-mistoqsija jekk hemmx time-line għal meta se tibda tintuża t-triq ta' man-naħa tax-xatt, Ryan informa li din fil-pjan li tinfetaħ lejn l-aħħar kwart tas-sena.

Ryan ikkonferma li se jkun hemm Sistema ta' irrigazzjoni għas-soft areas tal-pjazza.

Għall-mistoqsija tas-SE dwar min se jkun responsabbli mit-10 year maintenance agreement tal-proġett, Ryan informa li kien se jagħmel il-mistoqsija lill-IM.

Għall-mistoqsija jekk hux se ssir kamra għad-dawl u l-ilma fil-pjazza għall-attivitajiet bħalma diġà kien hemm qabel il-proġett, Ryan informa li dan ma kienx fil-ħsieb. Il-Kunsill insista li l-meter room li kien hemm għandha terġa' ssir.

Is-Sindku talab li kull darba li jkun hemm xi tibdil, IM għandha tavża lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Farrugia reġa' fakkar biex isiru rifletturi għax hawn ħafna dlam b'mod speċjali fil-passaġġ.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jgħollu l-barriers għax meta għamlet ix-xita għereq kullimkien.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar jekk hux minnu li se jsir ġibjun isfel nett ta' Triq MA Vassalli, Ryan informa li kien se jsaqsi.

Is-Sindku informa lil Ryan  biex jagħmel talba ma' IM biex issir laqgħa matul ix-xahar li ġej dwar it-tiżjin tal-Milied.

Hawnhekk spiċċat il-laqgħa u Ryan ħareġ.

Inġibdet l-attenzjoni li Ryan għandu jibda jagħti update by email minn qabel u s-SE tgħaddiha lill-Kunsill. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li skont it-tender, huwa suppost li qed ikun fil-lokalità 4 sigħat kuljum. Kien hemm qbil li l-kunsill mhux ferhan bil-performance tiegħu u għandha tinħareġ twissija formali mis-SE. Kemm-il darba ma jkunx hemm tibdil, għandhom jibdew jiġu enforzati d-defaults.

Kien hemm qbil ukoll li Ryan jintalab biex isaqsi lill-Periti dwar jekk il-Kunsillier Farrugia jistax jibda jattendi għal-laqgħa tal-ġimgħa ma' IM.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:38pm.

*****